**NAXXAR**

# MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 13 – IT-TLIETA, 24 TA' NOVEMBRU 2015

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Joe Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużata: | Evelyn Muscat | Membru |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 12 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

2.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet l-email li rċiviet mingħand Louise Gatt. Fl-email, is-Sinj. Gatt talbet sabiex parti minn Triq is-Sikka tingħata t-tarmak. Talbet ukoll sabiex jitneħħew il-cats eyes minn Xatt il-Palm. Finalment hija staqsiet fejn sejrin il-flus allokati għall-Kumitat Amministrattiv.

2.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet ilment li kellha mingħand residenta minħabba d-dħaħen tal-bbqs li jsiru fil-*camping site* mikrija lill-iscouts. Dan għaliex id-dħaħen qegħdin jaslu s'għandhom b'tali mod li jnittnu l-ħwejjeġ minxura. Kien suġġerit li meta jkun hemm dawn is-sitwazzjonijiet ir-residenti għandhom jirrappurtaw lill-pulizija.

2.3. Iċ-*Chairperson* irrimarkat li l-ħaxix ta' Xatt il-Palm għadu ma ġiex maqtugħ. Dan jinsab faċċata ta' Triq l-Iskall. Għalhekk il-Kunsill intalab sabiex jinforma lill-kuntrattur ikellem lis-Sinj. Cuomo sabiex jiltaqgħu fuq il-post.

## 3. ATTIVITÀ TAL-MILIED

3.1. Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li akkwistat kwotazzjoni ta' €175 għal-pakkett ta' animazzjoni ta' sagħtejn. Dan akkwistatu mingħand Curtain Raiser u l-pakkett jismu *Xmas Gold Package.* Hija ssuġġerit li wieħed mill-karattri jkun Santa Klaws.

3.2. Kien hemm qbil unanimu li l-attività ssir nhar it-Tnejn 21 ta' Diċembru 2015 bejn il-5.00pm u t-8.00pm.

3.3. L-annimazzjoni mistennija tkun mis-6.00pm 'il quddiem, filwaqt li bejn il-5pm u s-6pm, il-Kumitat se jitkellem ma' tal-ferrovija sabiex idawwar lit-tfal mat-toroq ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

3.4. Il-membri kollha kienu tal-fehma li ssir ċirkulari sabiex tirriklama din l-attività, flimkien ma' xi affarijiet oħra li għandhom ikunu ta' interess għar-residenti.

3.5. Wara ftehim ma' Fr Paul, l-attività se ssir fil-Knisja Santa Marija tal-Anġli.

## 4. L-ATTIVITAJIET KULTURALI TA' KULL XAHAR

4.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li s-Sinj. Muscat se tieħu lil kull min hu interessat għal ġita kulturali Fort Sant' Iermu. Din se tieħu post l-attività kulturali tax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2015.

## 5. KLASSIJIET TAL-AEROBICS

5.1. Is-Sinj. Vella qalet li se jibda kors bl-isem Circuit Training fil-bidu tas-sena d-dieħla. Il-kors se jara l-bidu tiegħu nhar it-Tnejn 4 ta' Jannar 2016.

5.2. Dawn se jibdew ikunu nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa bejn is-7.30pm u t-8.30pm.

5.3. Il-miżata għal dan il-kors se tkun ta' €50 li tkopri 20 sessjoni. Kull min hu interessat se jkun mistenni jħallas fl-uffiċċju tal-Kunsill filwaqt li l-postijiet se jkunu fuq il-bażi ta' *First Come First Served*.

5.4. L-għalliem se jkun Mikel St. John.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1. Is-SE ssuġġerixxa sabiex il-Kumitat jorganizza attività żgħira fiż-żmien tal-Karnival. Anke l-għaliex bħala attività għandha tattira t-tfal mal-ġenituri. Il-Kumitat qabel mas-suġġeriment u stabilixxa li d-data għandha tkun nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2016. Is-Sinj. Cuomo qalet li għal din l-attività ta' min nerġgħu ngħidu lill-animaturi u terġa ssir fil-Knisja.

6.2. Is-Sinj. Vella qalet li hemm bżonn nirrappurtaw lis-Sanita sabiex jagħmlu daqsxejn valenu għall-ġrieden fi Triq Qalet Marku.

6.3. Iċ-*Chairperson* talbet lill-Kunsill sabiex nibagħtu email lill-inġinier Zammit dwar żewġ nuqqasijiet li għandu l-ġnien. Id-dawl taz-zuntier mhux qiegħed jixgħel u l-ħaxix/pjanti tal-ġnien kiber/kibru ħafna.

## 7. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar It-Tlieta 29 ta' Diċembru, 2015 għal-5:30pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:15pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |